27 ta' Gunju, 1953.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Joseph Zammit *versus* Joseph Hili

**Lokazzjoni — Prova tat-Titolu.**

*In forza tal-prinċipju li l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah, il-lokatur li jallega li d-detentur ta' fond qiegħed jokkupah mingħajr titolu huwa obligat jagħmel il-prova tal-prekarjetà ta' dik id-detenzjoni. Imma spiss jiġri li waqt li l-kawża tkun miexja l-piż tal-prova jgħaddi fuq il-parti l-oħra; għax jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri "prima facie" li t-teżi ta' l-attur hija sostnuta.*

*Għaldaqstant, jekk waqt il-kawża jiġi assodat mill-provi li l-lokazzjo-*

***ni oriġinarjament kienet ta' ċerti komoditajiet biss minn fond, il-prova li kien hemm lokazzjoni addizzjonali ta' kumditajiet oħra ta' l-istess fond taqa' fuq l-inkwilin.***

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut sabiex jiżgombra mill-kumditajiet kollha ta' isfel tal-fond nru. 106 Cameron Street, il-Gżira, fi żmien qasir prefiġġibili, li qiegħed jokkupa b'titolu prekarju; salv id-dritt tal-passaġġ li għandu għall-parti superjuri minnu detenuta in lokazzjoni. Għall-finijiet tal-kompetenza l-attur jiddikjara illi l-valur redditizju annwali ta' l-imsemmija kumditajiet inferjuri ma jeċċedix għaxar liri. Bl-ispejjeż, kompriżi 3s. għall-ittra interpellatorja;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Mejju 1953, li biha ċaħdet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż; billi kkunsidrat;

Irriżulta mill-provi.................;

Għalhekk il-konvenut qiegħed jiddetjeni l-kumditajiet ta' isfel, imsemmija fl-avviż, mhux mingħajr titolu, imma b'titolu ta' lokazzjoni;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur fol. 9 u ċ-ċitazzjoni tiegħu fol. 10, li fiha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu akkolti d-domandi attriċi, bl-ispejjeż tażżewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-attur qiegħed jitlob l-isfratt tal-konvenut mill-kumditajiet tal-pjan ta' isfel tal-fond "de quo" li, kif hu jsostni, il-konvenut qiegħed jokkupa b'titolu prekarju. Il-konvenut qiegħed isostni, inveċe, li dawk il-kumditajiet hu qiegħed jikkupahom b'titolu ta' lokazzjoni;

Hu ta' importanza li jiġi stabbilit, l-ewwelnett, fuq min mill-kontendenti jinsab mixħut il-piż tal-prova dwar jekk dawk il-kumditajiet humiex qegħdin għand il-konvenut b'titolu ta' lokazzjoni jew le;

Ma hux dubitat li r-regola ġenerali hi li l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah — "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat". L-attur

qiegħed igħid li l-fond hu detenut prekarjament mill-konvenut, u kwindi jista' jidher "prima facie" li l-piż tal-prova ta' l-allegazzjoni tiegħu, dik ċjoè tal-prekarjetà, hu mixħut fuq l-attur. Iżda, kif josserva l-Powell, "On Evidence", page 151, "............. the burden frequently shifts, as the case proceeds, from the person on whom it rested at first to his opponent. This occurs whenever a 'prima facie' case has *has been established, or* any issue of fact..............";

Issa dan hu preċiżament dak li ġara f'dan il-każ. Infatti, wara li bdiet il-kawża, mart il-konvenut, Giovanna Hili, xehdet (ara fol. 12 fost il-provi tal-kawża ta' qabel, li għalihom il-partijiet għamlu riferenza) :— "Meta jien mort niftihem ma' l-attur fuq il-post imsemmi fl-avviż, hu krieli fuq biss, bid-dritt li ngħaddi mill-entrata komuni u mit-tarag. Il-kera kien £20 fis-sena";

Issa, dan il-fatt duplici, ċjoè l-fatt li minn prova ta' l-istess konvenut ġie ammess li, in origine, il-kera kien biss tal-parti ta' fuq, flimkien mal-fatt l-ieħor, mhux kontrastat, li l-kera kien u baqa' sal-lum ta' £20 fis-sena, nisslu "prima facie" prova tali li l-oneri tal-prova ġie spustat ("shifted") fuq il-konvenut. Infatti l-attur, in bażi għal dawk iż-żewġ fatti, kien ġustifikat igħid li, jekk l-istess konvenut jammetti li l-ftehim oriġinali kien għall-parti superjuri tal-post biss, u li l-kera allura kien £20, u issa baqa' sal-lum £20, allura dan vwoldiri li ma kienx hemm lokazzjoni oħra ta' kumditajiet addizzjonali. Kwindi l-"onus probandi" li kien hemm din il-lokazzjoni addizzjonali tal-pjan inferjuri bla tibdil ta' kera mar fuq il-konvenut;

Din il-Qorti, wara li vvaljat il-provi jidhrilha li l-konvenut ma laħaqx din il-prova; anzi taħseb li l-kumpless tar-riżultanzi proċesswali juri pjuttost il-kuntrarju. Infatti......;

*Omissis;*

Għalhekk tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tilqa' d-domanda, u tipprefiġġi, għall-finijiet tagħha, żmien xahrejn mil-lum. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut.